MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru 758/1999

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Carmel Filletti, iben Joseph,
imwieled Valletta fit-18 ta'
april, 1961

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fid-29 ta' april, 1999 u fit-tlett xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet
tal-liġi, bi ksur tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali –
a. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ din il-merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

b. xjentement, qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, bejgħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' qliezet tal-jeans;
c. għal qliegħ, jew bi sko ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod
ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex titqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur u cioe ta' 'Caterpillar Inc.';
d. talli bħala l-persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur miżjud, skkond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att fit-23 ta' jannar, 2000 u/jew f'xi data qabel, f'dawn il-Gżejjer, naqas li jagħti lill-persuna li lilha għamlet provvista taxxabbli, fattura ta' taxxa fi żmien wieħed u tletin jum mid-data li fiha għamlet dik il-provvista taxxabbli; peress li jirrizulta li hemm taxxa perikolata ta' Lm330, il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, timponi multa oħra li tkun daqs għaxar darbiet it-taxxa perikolata;
e. talli fit-23 ta' diċembru, 1999 u /jew f'xi data qabel, f'dawn il-Gżejjer, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 ta' l-Skeda 14 li tinsab ma l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista;
f. talli fl-istess żmien u fl-istess post, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta ta' taxxa f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista; peress li jirrizulta li hemm taxxa perikolata ta' Lm330, il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, timponi multa oħra li tkun daqs għaxar darbiet it-taxxa perikolata;
g. talli fid-29 ta' april, 1999 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu tmintax il-blue jeans bil-marka 'Caterpillar' fuqhom, li l-importazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom valur totali ta' Lm72 u dazju ta' Lm10.08.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi, in linea preliminari, għandu jiġi rilevat li l-affidavit ta' Marbara Halliday, formanti parti mid-dokument 6, huwa sfilzat minn dawn l-atti billi din il-persuna setgħet offriet ix-xhieda tagħha f'din il-Qorti 'viva voce' jew setgħet intużat il-proċedura solita meta hemm xhieda li huma msiefrin jew barra minn Malta.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li kien hemm ksur ta'
l-Att XXIII ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi li għandhom x'jaqsmu mal-Kodiċi Kriminali u ma l-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba', tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tas-seba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 298(1)(ċ)(f) u 298B
tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 60(a)(b)(ċ) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Tikkundannah li jħallas multa ta' mija erbgħa u ħamsin lira u tmien ċentesimi (Lm154.08) u tordna l-konfiska tat-tmintax
il-par jeans eżebit favur il-Gvern ta' Malta.